# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 3**

**Rikors numru 682/07/1 AF**

**Anthony Muscat, Joseph Lia, Patrick Tanti, Darren Galea, Charles Vella, Kenneth Buhagiar, Twanny Borg, Noel Baldacchino, Domenic Scerri, Ivan Borg, Carmelo Agius, Carmel *sive* Charles Parnis, Alex Sultana, Antoine Galea, Emanuel Cutajar, Jefferson Camilleri, Charles Calleja, Alexander Bezzina, Raymond Formosa**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta u Kap Kmandant tal-Forzi Armati**

**Il-Qorti:**

1. Din hija azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju. L-awtoritajiet konvenuti taw numru ta' promozzjonijiet lil numru sostanzjali ta' membri tal-Forzi Armati. L-atturi ma ngħatawx promozzjoni u jħossu li dan sar b'abbuż

amministrattiv u li d-deċiżjoni tal-konvenuti ma kinitx waħda raġonevoli. Isostnu li kien hemm nies anzjani daqshom jew inqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li ngħataw promozzjoni, filwaqt li b'mod inspjegabbli huma ġew maqbuża.

2. Kenneth Buhagiar ċeda l-kawża fil-5 ta' Settembru 2017, biex jirregola ruħu. Antoine Galea ċeda l-kawża fit-2 ta' Mejju 2010 meta l-kawża kienet diġà differita għas-sentenza wara li ġie infurmat mill-*Complaints Board* tal-Armata li kellu jċedi l-kawża biex jiġi kkunsidrat għall-promotion b'lura. Il-bqija tal-atturi ċedew il-kawża fit-13 ta' Ġunju 2012 "stante tranżazzjoni". Il-kawża kompliha biss Carmel Parnis.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talbiet tal-attur. Dan għamlitu wara li l-ewwel nett stabbiliet fil-fehma tagħha liema fatti ġew ippruvati:

> "Ir-rikorrent Carmel Parnis kien gie ngaġġat fl-armata fl-24 ta‟ Lulju 1985, bħala gunner. Jgħid li l-Kurunell Cauchi Inglott kien qallu li sakemm ikun jikkmanda l-Maritime Squadron huwa, ir-rikorrenti ma kien ser jieħu l-ebda promozzjoni. Ir- rikorrent jilmenta illi fil-*promotion exercise* tal-2006, huwa ma ħax il-promozzjoni minn Warrant Officer 2 għal Warrant Officer.
>
> Jirriżulta mill-atti illi huwa ħa l-*promotion* ta' Warrant Officer 1 sussegwentament fl-2007.
>
> Għalhekk din il-Qorti ser tqis dak li seħħ fil-*promotion exercise* tal-2006. Fl-'AFM Promotion Assessment Report' kien ġie irrapurtat hekk fil-konfront tar-rikorrent Charles Parnis:
>
>> "*WO2 was originally fully responsible for the squadron logistic division, up to 2003 but he did not cope with the squadron's demands and was given alternative work. His attitude was generally that of a storeman, not*

> *a logistic manager. He was unable to forecast the squadrons requirements, draft detailed letters and also lacked salient leadership skills. This warrant officer has reached his ceiling*".

Ir-rikorrenti kien irċieva total ta' 642.02 punti, imqassmin skond il-kriterji *efficiency, seniority, qualifications* u *selection to fill a vacancy*.

Din il-Qorti tirreferi għall-Artikolu 37 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 220.03 Regolamenti dwar in-Nomini u l- Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta‟ Malta, illi jistipula hekk:-

> "(1) Il-promozzjoni għandha ssir skont rakkomandazzjoni bażata fuq effiċjenza, anzjanità, kwalifiki u għażla biex timtela vakanza".

Jirriżulta mill-PAR Report illi kienu adottati il-kriterji stabbiliti fis-suċċitata disposizzjoni tal-liġi, u fl-eżerċizzju tal-għoti ta‟ promozzjoni. Erba‟ kriterji kollettivament jiddeterminaw jekk impjegat għandux ikun rakkomandat għall-promozzjoni u ċioè l-effiċjenza, l-anzjanità, il-kwalifiki u l-vakanza. Jirriżulta mill- atti illi jingħataw punti, u min fost il-ħaddiema jkollu l-ogħla punti, jieħu l-promozzjoni. Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jippremettu illi kien hemm nies anzjani daqshom jew inqas minnhom li kellhom kwalifiki daqshom jew inqas minnhom li ingħataw promozzjoni filwaqt li b‟mod inspjegabbli huma gew maqbuza. Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti jħallu barra żewġ kriterji li jittieħdu in konsiderazzjoni fl-għoti ta' promozzjoni, u ċioè l-effiċjenza tal-impjegat, kif ukoll il-vakanza.

Il-Kurunell Mark Mallia xehed bl-affidavit:

> "Bħala parti mill-eżerċizzju ta' promozzjoni, jien imlejt il- formola magħrufa bħala AFM Promotion Assessment Report, jew PAR, anness u immarkat bħala Dok. MM 1, skond l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Kwartieri Ġenerali tal- AFM Records Standing Instructions datata 7 ta' Awwissu 2006. Dan id-dokument iħares lejn diversi aspetti u jikkonsisti f'punti soġġettivi u oġġettivi li jingħataw skond l- effiċjenza, l-anzjanità, l-kwalifiki u l-vakanzi li jkollha l- Armata".

Dan ix-xhud ikompli jixhed u jispjega illi il-punti soġġettivi jingħataw skond kemm dak li jkun jitqies illi huwa kapaċi biex jimla l-post jekk ikun hemm il-*vacancy*, u jingħataw mill-uffiċjal kmandant, fid-diskrezzjoni tiegħu, illi jevalwa s-suldati taħt il- kmand tiegħu, per eżempju jingħataw punti għall- atteggjamenti tas-suldat. Imbagħad rigward il-punti oġġettivi dawn jingħataw għall-kategorija, effiċjenza, anzjanità u kwalifiċi. Xehed illi l-fizzjal ma jkollu ebda diskrezzjoni fuq dawn il-punti:

> "Nixtieq nippreċiża illi l-parti oġġettiva tal-PAR tiddependi mill-individwu inniffsu. Jekk dan jieħu l-inizjattiva li jattendi l-korsijiet biex itejjeb l-kwalifiċi tiegħu, jekk jieħu ħsieb li jmantni l-phusical fitness tiegħu, il-kapaċità fl- isparar etc, dan ikun premjat billi jiġi mogħti punti riservati għal dan. .. Inżid ngħid li dawn il-fatturi suġġettivi kif ukoll dawk oġġettivi, jikkontribwixxu għar-rakkomandazzjoni għall-promozzjoni. Bit-total tal-punti, suldat jikkompeti ma' oħrajn, ta' *pari grado*, għall-vakanzi li jkollha

> l-Armata f'dik l-unità jew sezzjoni partikolari".

> Jirriżulta għalhekk mill-atti illi s-sistema adoperata fl-għoti ta" promozzjonijiet fl-Armata hija waħda ta' punteġġ, mogħtija kemm fuq bażi oġġettiva kif ukoll fuq bażi soġġettiva, u min jottjeni l-ogħla total ta" punteġġ mill-applikanti għall-promozzjoni, jigi promoss".

4. Fit-tieni lok, l-Ewwel Qorti rreferiet għall-fatti li fil-fehma tagħha ma ġewx ippruvati:

> "Ma jirriżultax lil din il-Qorti x'punti ġabu dawk is-suldati l-oħrajn li bħar-rikorrenti kienu *Warrant Officer Class 2* u li magħhom ir-rikorrent kien qiegħed jikkompeti għal grad ta' *Warrant Officer Class 1*. B'hekk din il-Qorti ma tistax tqabbel x'punti ġab ir-rikorrent mal-punti li ġabu is-suldati l-oħra biex tara min fosthom ġab l-ogħla punti, u min minnhom għalhekk, kellu jieħu l-promozzjoni ta' *Warrant Officer Class 1*.

> Minbarra li ma ġiex pruvat x'punti ġabu is-suldati l-oħra li magħhom huwa kien jikkompeti, ir-rikorrent lanqas ma ġab ebda prova li l-fatt li huwa ma ħax il-promozzjoni kien frott ta' *mala fede* da parti tal-intimati fil-konfront tiegħu".

5. Fit-tielet lok, l-Ewwel Qorti waslet għas-segwenti konklużjonijiet abbażi tar-riżultanzi proċesswali fuq imsemmija:

> "Din il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Prim Awla datata 5 ta' Lulju, 2005 Citazzjoni Numru. 124/2003 **Maurice Cristina vs Bank Centrali ta' Malta**, fejn ġie ritenut hekk:

>> "Din il-Qorti, fl-analizi tagħha tal-provi prodotti f'dan il-każ, tibda' biex tafferma li dak li l-attur irid jipprova mhux li m'hemmx raguni għalhiex hu ma ngħatax il-promozzjoni (negattiv), iżda li kien hemm motivi jew konsiderazzjonijiet ulterjuri li waslu biex hu jiġi mċaħħad mill-promozzjoni (pożittiv)".

> Skond ir-rikorrenti, l-uniku ilment tiegħu huwa illi kien hemm nies anzjani daqsu jew inqas minnu li ħadu l-promozzjoni. Ir-rikorrenti ma jsemmi xejn dwar dawn il-konsiderazzjonijiet ulterjuri. Din il-Qorti tirreferi ukoll għal sentenza oħra tal-Prim Awla datata 7 ta' Lulju, 2004 Citazzjoni Numru. 333/1993/1 **Francis Borg Falzon vs Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta**:

>> "Il-fatt li suldat jinqabeż milli jingħata promozzjoni m'għandux jitqies bħala li hu, awtomatikament, każ ta' inġustizzja. Għalkemm is-*seniority*

> hu fattur li jitqies, dan mhux, iżda, fattur determinanti waħdu. Is-*seniority* tassumi importanza sew meta jkollok tnejn minn nies (jew iżjed), f'kollox indaqs f'dawk li huma attributi, u minnhom trid tagħżel wieħed".
>
> Huwa veru illi fil-*Promotion Assessment Report* hemm hemm element ta' assessment soġġettiv, u dak l-eżercizzju, għalhekk, kien jinvolvi *questions of individual judgement* però r-rikorrent ma rnexxielux jipprova sal-grad rikjest minnu mil-liġi illi kien hemm xi *bias* jew xi inġustizzja fil-konfront tiegħu f'dak il-*Promotion Assessment Report*. Lanqas ma jirriżulta illi l-Lieutenant Cauchi Inglott uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ħażin fil-konfront tar-rikorrent f'dan l-assessment soġġettiv jew li huwa kellu mottivi ulterjuri fil-konfront tar-rikorrent. Ir-rikorrent jikkonsidra biss l-importanza li ingħataw lill-anzjanità u l-kwalifiki tiegħu fil-proċess tal-għażla, iżda jirriżulta illi l-intimati kellhom jikkunsidraw ukoll fatturi u kriterji oħrajn fl- għoti ta'promozzjoni.
>
> La darba ma irriżultax li dan il-ġudizzju fil-proċess tal-għażla għall-promozzjonijiet ġie eżercitat b'mod abbużiv u rraġonevoli, l-istess esercizzju ma jistax jiġi attakkat jew mħassar minn din il-Qorti".

6. B'rikors tal-10 ta' April 2019, Carmel Parnis appella mis-sentenza. Huwa qassam id-doljanza tiegħu f'sitt aggravji.

7. L-ewwel ħamest aggravji huma effettivament aggravju wieħed: li l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tal-provi kif suppost.

8. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti injorat għalkollox il-fatt li dejjem ħa promozzjonijiet skont il-ħila tiegħu. Dan l-aggravju huwa *non sequitur.* Il-fatt li wieħed ħa xi promozzjonijiet ma jintitolahx li jieħu promozzjonijiet oħrajn.

9. It-tieni aggravju hu li l-Qorti ta' Prim'Istanza "injorat għalkollox" il-fatt li matul iż-żmien li l-appellant dam fir-reġiment tal-Kurunell Cauchi Inglott, qatt ma ħa promozzjoni. Dan l-aggravju huwa wkoll *non sequitur.*

Għandu jkun ovvju li l-fatt innifsu li l-appellant ma ħax promozzjoni kemm dam taħt il-Kurunell Cauchi Inglott ma jfissirx li kien intitolat li jieħu promozzjoni u ma ħadhiex.

10. It-tielet aggravju hu li l-Qorti "injorat għalkollox" l-ilmenti li għamel l-appellant kemm dam taħt l-inkarigu tal-istess Kurunell, fosthom li l-Kurunell kien qiegħed jiddiskrimina kontrih, u li l-Kurunell kien qallu, fil-preżenza ta' 2/Lieu d Aquilina, li sakemm idum jikkmanda l-iskwadra marittima, ma kienx sejjer jieħu iktar promozzjonijiet, jew kliem f'dan is-sens.

11. Ma huwa veru xejn li l-Ewwel Qorti ma tatx każ ta' dawn l-allegazzjonijiet. Semmiet l-allegazzjoni ta' x'qal il-Kurunell lill-appellant. Imbagħad sabet li ma rriżultalhiex illi Cauchi Inglott uża d-diskrezzjoni tiegħu b'mod ħażin fil-konfront tar-rikorrenti fl-*assessment* soġġettiv jew li huwa kellu motivi ulterjuri fil-konfront tiegħu. La semmiethom u ġibdet konklużjoni dwarhom ma jistax ikun li injorathom għalkollox. Hija ħadet konjizzjoni tagħhom iżda ma tathomx il-piż li jippretendi li kellu tagħhom l-appellant. Għamlet ġudizzju wara eżerċizzju ta' diskrezzjoni li wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx miegħu, iżda żgur li ma jistax jingħad li sar skont kriterji irraġonevoli jew mingħajr bażi. Dan l-aggravju għalhekk ma jistax ireġi.

12. Ir-raba' aggravju hu li l-attur qatt ma serva taħt il-Kurunell Mark Mallia. Għalkemm ma jgħidhiex espliċitament, l-appellant jimplika li l-Qorti ma messhiex straħet fuq l-affidavit tiegħu, għaliex, fi kliemu fir-rikors tal-appell, "jidher" li x-xhieda tiegħu kienet tirreferi għall-attur ieħor – Kenneth Buhagiar.

13. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li ma tistax tattakka raġunament tal-Ewwel Qorti sempliċiment għaliex l-appellant "jidhirlu" li x-xhud kien qiegħed jirreferi għal ħaddieħor. Dan għaliex ma tistax tinfiċja r-raġunament tal-Ewwel Qorti fuq sempliċi pretenzjoni jew stħajjil. Iktar u iktar meta, kif sewwa rrimarkaw l-appellati fir-Risposta tal-Appell tagħhom, l-appellant m'għamel l-ebda kontroeżami ta' dan ix-xhud biex jivverifika dwar min kien qiegħed tassew jixhed dwaru. Fit-tieni lok, il-Kurunell xehed bħala l-persuna li dakinhar li xehed kien responsabbli mir-Riżorsi Umani fi ħdan l-Armata. Il-Qorti rriferiet għall-affidavit tiegħu biss sa fejn dan spjega kif kien il-proċess tal-promozzjoni inkwistjoni, li s'intendi japplika għall-kandidati kollha u mhux għal xi kandidat partikolari, kemm jekk kien l-appellant kif ukoll jekk kien xi attur ieħor. F'dan ir-rigward huwa assolutament irrilevanti jekk l-appellant kienx jaħdem mal-Kurunell jew le. Dan l-aggravju huwa għalhekk kompletament frivolu u mingħajr ebda bażi loġika.

14. Il-Ħames aggravju hu li l-Ewwel Qorti injorat għalkollox "il-fatt" li l-

appellant issodisfa l-aspetti kollha sabiex ikun eliġibbli għall-promozzjoni, bħall-kwalifiki, l-effiċjenza, l-anzjanità u l-vakanza. L-Ewwel Qorti ġustament osservat li fir-rikors promotur, l-atturi semmew biss li nqabżu minn kandidati li ma kellhomx kwalifiki u anzjanità iżjed minnhom.

15. L-appellant ma jistax issa, fl-istadju tal-appell, iressaq dan l-aggravju li jinkludi fatturi li ma semmiex fir-rikors promotur tiegħu, għaliex jekk din il-Qorti tilqa' l-istedina tiegħu, tkun qiegħda tiddeċiedi *extra petita.*

16. Kif maġistralment jirrimarka l-kompjant Imħallef Philip Sciberras[1] il-valutazzjoni tal-provi hi materja fdata f'idejn l-imħallef li jiddeċiedi dwar ir-riżultanzi probatorji tal-każ. Hu mħolli fil-poter diskrezzjonali tiegħu li jislet dak il-konvinċiment tiegħu mill-provi li hu jidhirlu l-aktar attendibbli u kredibbli. Meta l-parti appellanti, bħal f'dan il-każ, tattakka dik il-valutazzjoni hija għandha l-piż li turi fejn dik il-valutazzjoni hi inadegwata, inkongruwa jew illoġika fuq l-istregwa tal-elementi probatorji komplessivi. Mhux biżżejjed li l-parti appellanti tinvoka ċerti provi parzjali u tiskarta oħrajn. Lanqas li għas-sintesi tal-materjal probatorju komplessiv magħmula mill-Ewwel Qorti tittanta tikkonvinċi lil din il-Qorti bir-ri-elaborazzjoni personali tagħha tal-provi. L-appellant irid jissodisfa lil din il-Qorti li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ma tistax tiġi raġonevolment spjegata jew iġġustifikata, u li hija manifestament żbaljata.

---

[1] Ara pereżempju **Cauchi Emanuel v. Zammit Michael** 15.07.2009 QA(PS).

17. Fis-sentenza appellata, ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu qies ta' xi materja rilevanti, jew li ħadet konjizzjoni ta' xi materja irrelevanti, jew li b'xi mod ieħor għamlet xi żball meta qieset il-provi. Il-parti razzjonali tas-sentenza turi kif il-Qorti waslet għall-konvinċiment aħħari tagħha in bażi għall-elementi varji tal-provi proċesswalment akkwiżiti u hekk konsiderati fil-kumpless sħiħ tagħhom. Fost dawn l-elementi, l-element l-iktar importanti li ħadet qies tiegħu l-Ewwel Qorti kien li l-attur, issa appellant, ma talabx li jiġu esibiti l-*assessments* tal-kandidati li ġew magħżula għall-promozzjoni, u għalhekk ma setgħetx tqabbel il-punti li ġab l-attur mal-punti li kiseb min ġie promoss. Intalbet tiddikjara lill-attur rebbieħ f'tellieqa li fiha ma ngħatat l-ebda għarfien tal-attributi taż-żwiemel l-oħra li pparteċipaw fit-tiġrija; bħallikieku l-appellant kien qiegħed itellaq waħdu. Dan mhux element ta' evalwazzjoni ta' provi daqskemm element ta' nuqqas ta' prova essenzjali.

18. Permezz tas-sitt aggravju, l-appellant jilmenta li ma kellux jeħel l-ispejjeż kollha tal-kawża. Billi l-atturi l-oħrajn mhumiex parti f'dan l-appell, din il-Qorti ma tistax tvarja l-ispejjeż fil-konfront tagħhom. Għalhekk l-anqas dan l-aggravju ma jista' jiġi milqugħ.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

20. Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-appellant.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Robert G. Mangion
Imħallef

Grazio Mercieca
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm